# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2463

**Kaz Numru 3204/CC** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Emanuel Baldacchino**

**u**

**Toly Products Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 22 ta' Frar, 2017**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Emanuel Baldacchino fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-14 ta' Frar, 2014, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma saritx ghal raguni mhux valida skond il-ligi u ngusta fis-sens ta' *constructive dismissal*. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg kienet rizenja volontarja.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm ghaxar (10) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Emanuel Baldacchino li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta' Dr. Ian Spiteri Bailey.

Toly Products Limited li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Mark Spiteri u Teresa Fabri assistiti minn Dr. Karl Briffa.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

l-Appellant kien gie ngaggat mall-Kumpanija bhala *Quality Inspector* fis-27 ta' Lulju, 1993. Fl-1 ta' Frar, 1998, huwa nghata posizzjoni ta' *Tool Inspector* u sussegwentament ta' *Senior Tooling Inspector.*

Fis-17 t'Ottubru, 2013, huwa kien gie *reverted* ghall-post ta' *Quality Inspector (Process).* F'dan il-perjodu il-Grupp Internazzjonali li s-Socjeta' ntimata kienet taghmel parti minnu kien qed jiffaccja problemi u konsegwenza ta' hekk is-socjeta' kienet dahlet fi ftehim mall-*Union* fejn gie maqbul pjan ta ristrutturar li kien jikkonsisti fi tnaqqis ta' mpjegati f'ambitu ta' '*early retirement scheme*' u ri-organizzazzjoni ta rwoli f'dipartimenti varji.

Fit-8 t'Ottubru, 2013, l-impjieg ta' l-Appellant gie fi tmiemu wara li kien accetta li jirrizenja fuq skema ta' rtirar kmieni mix-xoghol kif kienet miftehma mall-*Union.* Bhalu ghamlu tlettax impjegat iehor.

Fl-20 ta' Novembru, 2013, kien hareg avviz intern fejn ghal mili ta' post ta' *Tool Room Co-ordinator.*

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Emmanuel Baldacchino** l-Appellant beda billi qal li qabel spicca mix-xoghol huwa kien *Quality Controller* grad li kien gie *demoted* fih peress li qabel kien *Senior Tooling Inspector.* Qal li kien intqal lilu li dan kien sehh ghaliex il-kumpanija kienet ghaddejja minn zmien hazin. Spjega x-xoghol li kienet taghmel il-kumpanija u fhiex kien jikkonsisti xogholu.

L-Appellant qal illi l-ghada li kien gie *demoted* kienet kellmitu Therese Fabri tal-*HR* fejn offrietlu *early retirement scheme*. Kompla li wara xi jumejn kien mar u nfurmaha illi hu ma kienx interessat peres illi fl-eta' ta' 55 sena kien ser isibha difficli biex isib xoghol iehor. Ix-xhud kompla li fit-30 t'Ottubru, 2013, kellmu l-*General Manager* Mark Spiteri, fejn minn affarijiet li urieh kien hemm indikata data tat-terminazzjoni bhala 1 ta' Jannar, 2014. Huwa kompla li kien fehem li jekk ma jaccettax l-iskema offruta xorta kien ser ikollu l-impjieg terminat f'dik id-data.
Ix-xhud spjega li huwa kien rega' gie msejjah minn Mark Spiteri nhar is-6 ta' Novembru, 2013, fejn gie mistoqsi kif kien sejjer fuq ix-xoghol, fejn kien wiegbu li sejjer tajjeb ghad li jhoss li kellu bzonn tahrig aktar.
Ix-xhud qal li minn din id-diskursata fehem li setghet tizviluppa sitwazzjoni fejn kienu ser jaqbdu mieghu u assuma li wara xi sensiela ta' *warnings* kien ser jispicca barra xorta wahda.
L-Appellant stqarr li huwa kien qed jifhem li qed jissikawh sabiex jaccetta l-iskema. Kompla li f'dan il-mument talab jekk l-ammont finanzjarju ta' l-irtirar setax jigi mizjud, bir-risposta tkun fin-negattiv. Wara dan, ix-xhud qal li ffirma ghall-*early retirement.*
L-Appellant temm billi qal li fl-20 ta' Novembru, 2013, il-kumpanija harget avviz sabiex jimtela l-post ta *Tool Room Co-ordinator* li skond hu, bhala doveri kienu simili hafna ghal dawk li huwa kien jaghmel bhala *Senior Tooling Inspector*. Huwa ta' ezempji ta' din is-similarita.

**Joseph Saliba** bhala rapprezentat tal-ETC xehed illi huwa qed jipprezenta l-*Emplyment History* tal-Appellant u listi ta' l-impjegati li kellha is-socjeta' ntimata minn Jannar 2013 u x'movimenti kien hemm bhala mpjegati sa dakinhar. Wara huwa ghadda sabiex jaghti l-ispjegazzjonijiet necessarji ta' dawn id-dokumenti.

**Gabriel Scicluna** xehed li huwa *Tool Room Co-ordinator* mall-kumpanija, grad li kien ilu jokkupah sa minn Dicembru 2013. Ix-xhud qal li fil-bidu tal-impjieg tieghu mall-kumpanija kien *Tool-maker*, wara sar *Senior f*ejn wara kien lahaq *Foreman.* Liema kariga kien irrizenja minnha f'Marzu 2012 sabiex rega' mar *Senior Tool-maker.*
Ix-xhud ghadda sabiex ta spjegazzjoni ta' x'kien jaghmel l-Appellant. Ix-xhud spjega li minkejja li huwa kien applika u eventwalment inghata l-kariga ta' *Tool Room Co-ordinator*, certu xoghol ta' *paper-work* li jinvolvi *computer* ma kienx jaghmlu hu izda kien jaghmlu *Manager.*

Dan minkejja li dawn id-doveri kienu jidhru fl-avviz li kien hareg sabiex timtela l-kariga li qieghed fiha hu. Ix-xhud qal li bejn dak li kien jaghmel l-Appellant u d-doveri li kien hemm imnizzla fl-avviz li kien applika ghalih hu sabiex ha l-kariga ta' *Tool Room Co-ordinator* hemm differenzi fejn jidhlu doveri ta' natura teknika.

**Fabio Micallef** xehed li huwa *Quality Senior Supervisor*. Qal li ghal madwar xahrejn qabel ma spicca mill-impjieg l-Appellant, dan kien taht is-supervizjoni tieghu. Qal li bhala xoghol ma kienx sejjer hazin pero' kien ghad jonqsu t-tahrig. Ix-xhud spjega li normalment il-perjodu ta' tahrig ikun 4 gimghat. Ix-xhud kompla li dwar l-andament tax-xoghol u tahrig tal-Appellant kien jirraporta lill-*Quality Manager*, fejn kien gharrfu li huwa ghandu bzonn aktar tahrig sabiex ikun fdat wahdu fuq *shift*. Qal li anke l-Appellant kien mgharraf b'dan, fejn filwaqt li kien jghidlu li sejjer tajjeb kien jindikalu li kellu bzonn aktar tahrig.

**Mark Spiteri** xehed li huwa l-*General Manager* tas-Socjeta' ntimata. Huwa beda sabiex ta spjega ta' kif kien l-andament ekonomiku tas-Socjeta' lejn nofs l-2013. Qal li l-ordnijiet kienu sew taht in-normal u kien qed ikun anticipat telf finanzjarju ta' €2.8 miljuni. Qal li lejn Awwissu 2013, kienu bdew tahdidiet mall-*Union* dwar kif kellha tigi indirizzata s-sitwazzjoni. Qal li kienu gew ikkontemplati diversi *options* fosthom li x-xoghol jaqa' fuq '*4 day week*', li jinghataw is-sensji u wara negozjati gie maqbul li tigi mhaddma skema ta' '*early retirement*' fuq bazi volontarja sabiex jigu evitati *redundancies*. Din kienet giet maqbula fi sfond ta' *restructuring exercise* ma' kull dipartiment.
Dwar l-effett li l-ezercizzju kellu fuq l-Appellant ix-xhud qal li l-grad tieghu ta' *Senior Tooling Inspector* gie *redundant* u d-doveri tieghu gew assorbiti minn persuni ohra fi gradi differenti. Ix-xhud spjega li bi ftehim mall-*Union* kull minn kien gie effettwat b'dan il-mod kien gie *down-graded* ghall-grad li kien jokkupa qabel, fejn fil-kaz tal-Appellant huwa rritorna ghall-grad ta' *Process Quality Controller,* u dan b'effett mill-21 t'Ottubru, 2013.
Wara, x-xhud ghadda sabiex jispjega li l-iskema ta' rtirar kmieni kienet giet offruta lill-impjegati kollha li kellhom 55 sena jew aktar, fejn allura l-Appellant kien wiehed minnhom. Spjega l-kontenut finanzjarju li kien ikun intitolat ghalih kull minn kien jaghzel din l-iskema. Qal li bhala *Management* kienu qed jipprogettaw li permezz ta' din li skema, nies li kienu qorbu l-eta tal-pensjoni u nies li jitilqu minn rajhom minhabba s-sitwazzjoni, il-*workforce* tonqos bi 28-29 ruh.

Ix-xhud qal li wara dan l-ezercizzju il-figura ma ntlahqitx pero' xorta wahda ma nghatawx sensji.

Ix-xhud qal li l-*HR Manager* kienet kellmet lil kull individwu li kien eligibbli li japplika ghal l-iskema sabiex tispjegalu b'mod individwali l-aspett finanzjarju taghha. Qal ukoll li kull minn kien interessat kellu cans japplika sa l-ewwel gimgha ta' Novembru 2013.

Ix-xhud qal li wara l-laqgha li l-Appellant kellu mall-*HR Manager* huwa ma kienx accetta li jippartecipa fl-iskema. Qal li kien hemm min accetta li jippartecipa fl-iskema kif kienet u kien hemm xi whud li wrew l-intenzjoni li kienu ser jippruvaw itejbu l-aspett finanzjarju taghha. Ix-xhud qal li huwa kellem lil kull wiehed minn dawn b'mod individwali, inkluz lill-Appellant fejn spjegalhom li taht l-ebda cirkostanza l-pakkett finanzjarju ta' l-iskema ma kien ser jinbidel. Ix-xhud qal li anke wara din il-laqgha li kienet saret fit-30 t'Ottubru, 2013, l-Appellant rega' wera l-intenzjoni li ma jippartecipax fl-iskema.

Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega li l-Appellant kien ilu numru ta' snin sew nieqes mill-grad li kien rega' mar fih, fejn ghaldaqstant kien ipprogettat li kellu bzonn li jiehu 4 gimghat *re-training*, dan qalu filwaqt li spjega b'mod hafif il-funzjoni ta' *Q.C.* Ix-xhud qal li f'dan l-*interim period* huwa kien jimmoniterja lil kull minn kien qed jinghata tahrig minhabba r-*restructuring*. Fil-kaz ta' l-Appellant huwa kien jitkellem kemm mas-*Supervisor* u anke mall-*Manager* tieghu. Dan ghamlu kemm wara gimghatejn tahrig u anke lejn is-6 ta' Novembru, 2013, u cjoe vicin ir-raba' gimgha. Fejn irrizulta li minkejja li huwa kien bniedem kompetenti, l-Appellant kien jehtieglu izjed *training,* bid-decizjoni tal-*Management* tkun li jinghata *extension* tat-tahrig.

Ix-xhud wara, ghadda ghal-laqgha li huwa flimkien mall-*HR Manager* kellu mall-Appellant nhar is-6 ta' Novembru, 2013, fejn kienu gharrfuh li kien ser ikollu *extension* tat-*training*. Ix-xhud qal li f'dik il-laqgha l-Appellant kien qalilhom li ma kienx hemm bzonn ta' *extension* ghaliex wara li kien ghamel il-'*homework'* tieghu kien qed jirrevedi l-posizzjoni tieghu fir-rigward ta' l-iskema, fejn gharrafhom li kien qieghed jaccettaha. Ix-xhud stqarr li kien hassu sorpriz peress li darbtejn qabel, l-Appellant kien irrifjuta li jippartecipa fl-iskema. Ix-xhud sahaq li fl-ebda mument ma ghamel xi referenza lill-Appellant li jekk huwa ma jaccettax l-iskema huwa seta' jigi licenzjat.

Ix-xhud wara ghadda sabiex ta spjega dettaljata ta' *grade re-structuring exercise* fit-*Tool Room* in segwitu ta' l-iskema ta' rtirar kmieni fejn sostna li l-*bulk* ta' dak li kien jaghmel l-STI (il-grad li kien jokkupa l-Appellant) qed jigu esegwiti mit-*Tool Room Manager.*

Huwa spjega ukoll d-differeza bejn il-grad gdid ta' *Tool Room Co-ordinator* u l-grad li kien jokkupa l-Appellant qabel gie *demoted* u cjoe dak ta' *Senior Tooling Inspector.*
Qal li bazikament l-STI kellu rwol amministrattiv u ta' supervizjoni filwaqt li dak ta' TRC huwa grad tekniku. Spjega li l-posizzjoni ta' TRC riedet tissodisfa kemm il-lat tekniku u anke dak ta' supervizjoni gewwa t-*Tool Room.* Qal ukoll li minkejja li kien jezisti l-grad ta' STI, tahtu ma kienx hemm *tooling inspectors.* Ix-xhud spjega li qabel iddahhal il-grad ta' TRC, ix-xoghol tekniku kien isir mit-*Tool Room Manager.*

**David Bugeja** xehed li huwa mpjegat mas-Socjeta' ntimata bhala *Group Quality Manager.* Ix-xhud spjega li huwa kien jaf li l-Appellant kien ser jinghata tahrig peress li kien irritorna lura fid-dipartiment. Spjega li dan it-tahrig kien mehtieg peress li l-Appellant kien ilu maqtugh minn dak ix-xoghol. Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega x-xoghol li jsir fid-dipartiment u l-importanza tieghu sabiex tkun garantita l-kwalita tax-xoghol. Ix-xhud spjega li kwazi kull filghodu huwa jiltaqa' ma' membri ohra fil-*Management* sabiex jiddiskutu l-andament tax-xoghol fil-jum ta' qabel. Qal li f'dan il-kuntest huwa gieli kienet issirlu referenza ghat-tahrig li kien ghaddej minnu l-Appellant. Dwar l-Appellant, ix-xhud qal li kien gie deciz li l-perjodu ta' tahrig jigi mtawwal, sakemm dan ikun kapaci wahdu li jikkonduci x-xoghol fil-kwalita mehtiega. Ix-xhud qal li huwa qatt ma tkellem direttament mall-Appellant dwar l-andament tieghu fit-tahrig.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega l-*Quality Inspection Proess Training Log.*Huwa qal li dan id-dokument jimtela wara kull sessjoni ta' tahrig skond l-*item* li jkun sar it-tahrig fuqha. Ix-xhud qal li din tkun mimlija u ffirmata mit-*training provider.* Huwa qal li gieli jkun hemm kazi fejn ikun ghamel xi rimarki hu jew iffirma tali *log*, pero fir-rigward tal-Appellant ma kienx il-kaz.

**Theresa Fabri** xehdet li hija tokkupa l-kariga ta' *HR Manager* mas-Socjeta' ntimata. Hija tat spjegazzjoni dettaljata ta' kif evolvit is-sitwazzjoni li wasslet sabiex tkun offruta skema ta' rtirar kmieni mix-xoghol b'mod volontarju. Spjegat li l-kundizzjonijiet ta' din li skema kienu gew diskussi u maqbula mall-Union.
Ix-xhud wara ghaddiet sabiex tispjega fid-dettall dwar kif gew effetwati l-gradi u kif giet stabbilita li struttura fit-*Tooling Department* fl-ambitu ta' *restructuring exercise* li kien sar mall-kumpanija kollha.

Ix-xhud wara spjegat x'sar fil-konfront ta' certu individwi li l-gradi taghhom ma kienux ser jibqghu jiffurmaw parti mill-istruttura l-gdida. Spjegat li l-individwar sar 'a bazi' tas-*seniority*. Ix-xhud spjegat li galadarba kien gie identifikat li l-persuna fil-grad ta' *Senior Tooling Inspector*, posizzjoni li giet dikjarata *redundant* fil-*Tooling Department* kien l-Appellant, bi dritt huwa kien gie offrut li jmur lura fil-*Quality Department* u dan fil-grad li kien jokkupa snin qabel u cjoe dak ta' *Quality Inspector*. Ix-xhud stqarret li kien hemm persuni ohra mall-kumpanija li ntlaqtu b'dan il-mod f'dan ir-*restructuring exercise*.

Ix-xhud qalet li kien wara li sar dan l-ezercizzju li kienet giet varata l-iskema volontarja ta' rtirar kmieni. Hija qalet li hija tkellmet ma' kull individwu li kien eligibbli ghal din l-iskema fejn spjegatilhom il-kundizzjonijiet taghha. Ix-xhud ghaddiet sabiex tispjega fid-dettall il-kundizzjonijiet ta' l-iskema. Qalet li mal-Appellant tkellmet nhar it-22 t'Ottubru, 2013, fejn spjegatlu d-dettalji kollha. F'dan il-kuntest spjegat li minn kien imhajjar jiehu l-iskema seta' baqa jahdem biss sa l-1 ta' Jannar, 2014. Qalet li kien hemm minn irrifjuta li jiehu l-iskema u ghadu jahdem mall-kumpanija.

Fir-rigward tal-Appellant, ix-xhud spjegat li ghal-ewwel huwa kien irrifjuta li jippartecipa fl-iskema. Kompliet li kienu saru laqghat sussegwenti ma' min kien eligibbli li jiehu li skema inkluz mall-Appellant. Tali laqghat kienu saru peress li kien hemm ghidut li setghet tinhareg skema ohra b'kundizzjonijiiet ahjar. F'dawn il-laqghat sussegwenti kien gie accertat li ma kienet ser tinhareg l-ebda skema ohra.

Ix-xhud qalet li anke f'dan l-istadju, l-Appellant kien irrifjuta li jippartecipa fl-iskema u kien hawnhekk li hu beda t-tahrig fil-*Quality Department.*

Ix-xhud sahqet li fil-laqghat li saru kemm mall-Appellant u anke ma' persuni li kienu eligibbli qatt ma saret xi referenza li min ma jaccettax seta' jigi ssensjat mix-xoghol. F'dan il-kuntest hija regghet spjegat li d-data ta' 1 ta' Jannar , 2014, indikata fuq il-formularju ta' l-iskema, kienet il-gurnata li fiha impjegat li kien ser jaccetta l-iskema seta' jibqa' jahdem. F'dan il-kuntest ix-xhud gabet ezempji ta' zewg kazi li ma kienux accettaw l-iskema u ghadhom fl-impjieg mall-kumpanija.

Ix-xhud wara ghadiet sabiex taghti rendikont ta' x'gara mill-Appellant wara li dan baqa' ma accettax l-iskema, u cjoe li huwa beda fix-xoghol il-gdid, fejn kien qed jghaddi minn perjodu ta' tahrig. Spjegat li t-tahrig ikun ibbazat fuq programm, fejn xi drabi jkun modifikat 'ad hoc' bhal ma kien fil-kaz tal-Appellant. Spjegat li fil-kaz tal-Appellant matul il-korsa tat-tahrig kien gie identifikat illi huwa kien ser ikollu bzonn aktar zmien jitharreg mill-erba'

gimghat li kienu imfassla. Fatt li kien mgharaf bih l-Apellant fl-laqgha li kienet saret mieghu nhar is-6 ta' Novembru, 2013, kompliet ix-xhud.
Ix-xhud qalet li f'din il-laqgha, l-Appellant kien issorprendihom, ghaliex minghajr mistenni infurmahom li kien ser jaccetta l-iskema ta' rtirar kmieni.
Ix-xhud regghet sostniet li f'dik il-laqgha la b'mod dirett u l-anqas indirett ma nghatat xi ndikazzjoni lill-Appellant li jekk ma jilhaqx il-livell mistenni fit-tahrig huwa jigi ssensjat.
Ix-xhud qalet li propju fl-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu u cjoe fit-8 ta' Novembru, 2013, hija kienet iltaqghet mieghu, fejn hija kienet irrangat zball li kien sar fil-komputazzjoni tal-bolol tieghu zball li kien identifikah hu stess.
Ix-xhieda intemmet billi x-xhud spjegat f'certu dettall kif isir '*appraisal report*' fejn dan jigi anke diskuss mall-impjegat fejn dan ikollu l-fakulta anke li jnizzel il-kummenti tieghu. Spjegat li f'dan ir-rapport anke jkun hemm referenza ta' xi tibdiliet li jkunu saru fid-doveri tal-impjegat, tibdiliet li jkunu sehhew minhabba l-esigenzi tax-xoghol. Qalet li dan ir-rapport ikun iffirmat kemm mill-*Management* u anke mill-impjegat.

**Jason Deguara** xehed li huwa Segretarju tat-taqsima fi hdan il-GWU li tirraprezenta b'mod kollettiv lill-impjegati tas-socjeta' ntimata. Qal li din ir-relazzjoni mall-kumpanija ilha ghal dawn l-ahhar 30 sena fejn matulhom saru mall-11 il-ftehim kollettiv.
Ix-xhud qal li matul l-ahhar snin kagun tal-andament ekonomiku, nghataw sensji minn mall-kumpanija. Qal li spiss kienu jsiru laqghat mall-kumpanija dwar dan l-andament. Spjega li bhala *Union* kienu jaghmlu l-almu sabiex jigu evitati sensji. F'dan il-kuntest huwa semma kif bhala Union kienu ressqu proposta sabiex minflok sensji, n-numru tal-impjegati jonqos permezz ta' skema ta' rtirar kmieni mix-xoghol fuq bazi volontarja, fejn id-dettalji ta' din l-iskema kienu gew maqbula mall-*Management* wara tahdidiet. Ix-xhud wara ghadda sabiex jaghti spjega tad-dettalji li kienu jikkomprendu l-iskema. Spjega li qabel beda l-process propju ta' din l-iskema, il-*Management* forna lill-*Union* bid-dettalji finanzjarji ta' kull individwu li kien eligibbli ghal din l-iskema, dan sabiex ikun accertat li kull individwu kien ikun ser jinghata l-kumpens finanzjarju li jkun haqqu.
Ix-xhuq stqarr li lill-Union qatt ma waslilha xi taghrif dwar li jekk kien hemm xi mpjegat minn fost dawk eligibbli u ma jaccettax li jippartecipa fl-iskema, dan kien qed ikun minaccjat li jinghata s-sensja.

Ix-xhud qal li bhala parti mill-ftehim sabiex tigi mhaddma din l-iskema, kien hemm, li jekk impjegati eligibbli u li ma jaccettawx li jippartecipaw fl-iskema, il-grad kien ser jinbidlilhom jew kienu ser jirritornaw fil-grad li kienu fih qabel, dawn kellhom jinghataw tahrig kemm ikun hemm bzonn.
Ix-xhud qal li l-progress ta' dawn l-individwi kien jigi segwit f'laqghat li kienu jsiru mal-*Management.* F'dan il-kuntest ix-xhud qal li l-kaz tal-Appellant kien gie diskuss fid-dawl li kien jidher li dan kien ser ikollu bzonn perjodu ta' tahrig itwal minn dak li kien previst. Ix-xhud qal li dan it-tahrig kien jaghmel parti ukoll minn ezercizzju ta' *restructuring* li kien gie maqbul mall-kumpanija u dan fl-inkwadratura li kienet ser tigi mhaddma li skema ta' rtirar kmieni.

**Klaus Falzon** xehed li huwa jahdem mall-kumpanija bhala *Tool Room Manager*. Qabel din il-kariga, ix-xhud qal li kien *Assistant Tool Room Manager.* Ix-xhud qal li lill-Appellant jafu peress li kien jahdem fl-istess dipartiment tieghu. Wara huwa ghaddha sabiex spjega x-xoghol li kien jaghmel l-Appellant qabel ma huwa gie trasferit ghal grad li kellu qabel. Ix-xhud qal li l-vakanza ghal *Tool Room Co-ordinator* kienet harget xi gimghatejn qabel ma huwa kien inhatar bhala *Tool Room Manager.* Qal li din il-kariga tirraporta lilu. Ix-xhud qal li qabel ma nholqot il-vakanza ghl-*Tool Room Co-ordinator*, id-doveri kienu jigu mwettqa mill-persuna li qablu kienet tokkupa l-kariga ta' *Tool Room Manager.* Spjega li rwol ta' dan il-*Co-ordinator* huma differenti mir-rwol li kellu l-Appellant meta dan kien fil-grad ta' *Tooling Inspector.* F'dan l-ambitu buwa qal li rwol li kellu l-Appellant giet assorbita minnu fil-grad ta' *manager*, inkluz li jattendi l-*Quality Meeting*. Qal li huwa ma jafx li l-Appellant kien jassumi d-doveri ta' *Health & Safety Officer* fid-dipartiment tieghu.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega punt punt id-doveri tat-*Tool Room Co-ordinator*, fejn wera li dawn id-doveri ma kienx iwettaqhom l-Appellant meta kien fil-kariga ta' *Tooling Inspector.*

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Ian Spiteri Bailey** ghan-nom tal-Appellant beda l-argumenti tieghu billi qal li l-klijent tieghu ntavola l-kaz fuq zewg fronti u cjoe l-kwistjoni tar-*redundancy* u tar-rizenja sfurzata.
L-avukat Spiteri Bailey qal li dwar ir-*redundancy* hemm zewg regoli fundamentali, illi huma l' '*first in last out in the same category of workers*' u illi jekk kemm il-darba l-post jigi vakanti fi zmien sena trid terga' toffrih lil min ikun gie ssensjat.

Dwar dan Dr. Spiteri Bailey qal li fis-*Section* fejn kien jahdem l-Appellant kien hemm ghal menu 10 haddiema li kienu gew impjegati wara l-Appellant. Dwar l-argument l-iehor, Dr. Spiteri Bailey qal li wara xahar li l-Appellant kien indott biex jirrizenja biex jiehu l-*early retirement scheme* kien hemm vakanza fid-dipartiment li kien jahdem fih l-Appellant u dan il-post ma kienx gie offrut lilu.
Fir-rigward tar-rizenja sfurzata, Dr. Spiteri Bailey qal li l-Appellant kien iffacjat b'cirkostanzi fejn kien imbezza' u mdejjaq b'theddid ta' *warnings* u illi jekk ma kienx ser jaccetta l-iskema ta' rtirar kmieni kien ser jitlef kollox.
F'dan il-kuntest Dr. Spiteri Bailey ghamel referenza ghal fatt li kien biss meta l-Appellant gie offrut l-iskema it-tieni darba li fil-formola kien hemm imnizzla d-data ta' 1 ta' Jannar, 2014, u staqsa ghaliex fl-ewwel offerta tali data ma kienetx riferuta.

**Dr. Karl Briffa** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda l-argumentazzjoni tieghu billi qal li dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tal-Apellant kienetx kawzata minn *redundancy* jew jekk kienetx rizenja rizultanti minn skema ta' rtirar volontarju.
Dr. Briffa qal li tali skema ta' rtirar kmieni tnediet b'rizultat ta'ezercizzju ta'ristrutturar li kien mehtieg isir fil-kumpanija u propju sabiex ikunu evitati sensji. Huwa spjega li dak l-ezercizzju ta' ristrutturar ghadda mill-gharbiel tal-Union u li skema ta' rtirar kmieni ma gietx inizjalata qabel ma sar ftehim dwar il-kundizzjoinijiet taghha ma' l-istess Union.
Dr. Briffa qal li l-Appellant bhal impjegati ohra li kienu elibibbli ghal din l-iskema kienu rrifjutaw li jippartecipaw bil-ghan li forsi jiksbu pakkett ahjar u meta dan ma sehhx, saru laqghat individwali fejn l-Appellant baqa jirrifjuta li jippartecipa fiha. Dr. Briffa qal li kif kien miftiehem mall-Union, l-Appellant u mpjegati ohra li kienu rrifjutaw gew imnizzla fil-grad li kienu jokkupaw qabel u huwa nghata t-tahrig neccessarju. Dr. Briffa sahaq li kien l-Appellant stess, waqt dan it-tahrg li kien informa lill-*Management* li kien rega' bdielu u li kien ser jaccetta li jirrizenja bl-iskema.
Fir-rigward tal -'*first in last out',* Dr. Briffa spjega li fil-grad li kien jokkupa l-Appellant ma kien hemm hadd hliefu u li l-impjegati l-ohra fis-*Section* kienu *Tool-makers*. Fir-rigward tal-vakanza li nholqot wara t-tluq tal-Appellant, Dr. Briffa sostna li din kienet taghmel parti mir-ristrutturar u li l-funzjonijiet taghha u anke r-rwol kienu differenti minn dawk li kien iwettaq l-Appellant.
Dr. Briffa ghalaq billi qal li b'rizultat ta' dak kollu li sehh mis-Socjeta' ntimata ma nghatat l-ebda *redundancy.*

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan it-Tribunal jgharaf li f'Awwissu 2013, kagun ta' andament ekonomiku negattiv kienu nbdew tahdidiet bejn is-Socjeta' ntimata u l-GWU sabiex tigi ndirizzata s-sitwazzjoni.

Bil-ghan li jigu evitati sensji u jew l-introduzzjoni ta 'gimgha mnaqqsa ta' xoghol', kien gie maqbul bejn is-Socjeta' ntimata u l-GWU li jsir '*restructuring exercise*' ma' kull dipartiment u tigi mhaddma skema ta' '*early retirement*'.

Bi ftehim bejn is-Socjeta' ntimata u l-GWU kien sar qbil ukoll li l-persuni li grad taghhom jintlaqat mir-'*restructuring exercise*', jinghataw lura l-grad li kellhom qabel ma hadu l-grad effettwat.

L-Appellant fil-grad ta' *Senior Tooling Inspector* u li kien kien l-uniku impjegat li kien jokkupa dak il-grad kien wiehed minn fost il-persuni milquta, u fil-fatt kien tpogga lura fil-grad li kien jokkupa qabel.

L-iskema ta' rtirar kmieni kienet giet offruta lill kull impjegat li kellu 55 sena jew aktar. L-Appellant kien jaqa' f'din il-kategorija.

Wara li inizjalment l-Appellant ma kienx accetta li jippartecipa f'din l-iskema, wara kien bidel fehmtu, bl-ahhar gurnata xoghol tieghu tkun it-8 ta' Novembru, 2013.

Ma nghatat l-ebda sensja lil dawk il-persuni li minkejja li kienu eligibbli li jippartecipaw fl' '*early retirement scheme*', baqghu ma ppartecipawx.

It-Tribunal evalwa bis-shih id-dettalji li hargu mix-xhieda dwar id-doveri taz-zewg gradi u cjoe ta' *Tool-room Co-ordinator* u dak ta' *Senior Tooling Inspector* u dan fl-isfond tas-sejha li kienet saret nhar l-20 ta' Novembru, 2013, sabiex jimtela l-post ta' *Tool-room Co-ordinator.* It-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li fid-doveri tat- *Tool-room Co-ordinator* hemm kontenut qawwi ta' teknika li ma kienx jezisti fil-grad ta' *Senior Tooling Inspector.*

**Decizjoni**

Tenut kont tal-informazzjoni kollha kif giet esposta matul dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant kienet rizenja volontarja fl-isfond ta' skema ta' rtirar kmieni mix-xoghol.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**